# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 97/2020**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nicholas FARRUGIA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Nicholas FARRUGIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0178692M) fejn FARRUGIA ġie mixli:

i) Talli nhar l-24 ta' Ġunju 2011 waħdu għall-ħabta tas-1.30am fil-każin u barra l-każin tal-banda magħruf bħala tal-Werqa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, f'periklu ċar bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċjoe' dak ta' attentat ta' ferita gravi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt u li dan ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu u għalhekk darab b'oġġett iebes (flixkun tal-ħġieġ) lil PS 772 Dionysius Agius u PC 1532 Mario Caruana u lil PC 1410 Shaun Debono waqt il-qadi ta' dmirijiethom kif iċċertifikaw Dr. Karl Spiteri, Dr. Robert Patiniott u Dr. C. Refalo rispettivament;

ii) Flimkien ma' Omissis, talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel residenza bi vjolenza jew ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx bi vjolenza pubbblika fuq persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skotn il-liġi minn awtorita' kompetenti bi ksur tal-Art. 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) Ukoll, talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bwon ordni u l-paċi pubbblika b'dagħa, b'għajjat u ġlied;

iv) Ukoll talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi f'post pubbliku kien fis-sakra u ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lil FARRUGIA ħati tal-imputazzjonijiet imsemmija iżjed il-fuq u ġie ikkundannat għall-piena ta' tlett snin priġunerija kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant FARRUGIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirrevoka s-sejbien tal-ħtija u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u alternattivament u b'mod sussidjarju sabiex fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija, sabiex tvarja s-sentenza f'dik il-parti tal-piena imposta u timponi piena li hija iktar ekwa u ġusta għall-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

i) Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi u skont l-appellant meta wieħed jikkunsidra l-provi fl-assjem tagħhom isib li l-aġir tiegħu ma seta' qatt jammonta għall-attentat ta' ferita gravi. Illi miċ-ċertifikati mediċi jirriżulta illi PS 772 Dennis Agius ġarrab feriti ta' natura ħafifa; anki PC 1532 irriżulta li kien qiegħed ibati minn feriti ta' natura ħafifa kif ukoll PC 1410. Ta' min jinnota wkoll li filwaqt li l-Avukat Ġenerali meta ħareġ l-artikoli kontra l-appellant indika l-artikoli 41(1)(a), 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Maġistrat fis-sentenza tiegħu indika l-Artikolu 216(1) tal-imsemmi kodiċi.

Illi għal dak li jirrigwarda l-feriti subiti minn PC 1532, meta xehed dan qal li l-ferita ħafifa kien soffrieha waqt li kien qiegħed jipprova jrażżan lill-

appellant waqt li kien qiegħed juża l-pepper spray. Meta mistoqsi minn kien ikkaġunalu din il-ferita huwa qal ‘’Nimmaġina l-imputat Nicholas Farrugia għax miegħu konna x’naqsmu aħna’. Kif setgħet il-Qorti tal-Maġistrati tikkonkludi li meta PC 1532 ġarrab ġrieħi ħfief fuq il-minkeb lemini tiegħu dan sar mill-appellant bl-intenzjoni li jiġu kkważati lilu feriti ta’ natura gravi?

Jirriżulta li huwa minnu li l-appellant beda jxejjer flixkun li kellu f’idu u li ferixxa lil PS 722 u PC 1410, huwa possibbli wkoll li meta kien qiegħed jiġi mitfugħ mal-art u mmanetjat seta’ ikkawża l-ferita fuq il-minkeb ta’ PC 1532 madanakollu minn imkien ma jirriżulta li l-appellant xtaq, fehem u beda jxejjer l-imsemmi flixkun bl-intenzjoni illi jikkawża ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ PS 772, PC 1410 u PC 1532.

Ried jiġi ppruvat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant mhux talli kellu l-intenzjoni speċifika li jikkawża ferita ta’ natura gravi iżda li kellu wkoll l-intenzjoni li jikkawża ferita gravi li tista’ ġġib il-perikolu i) tal-ħajja; ii) ta’ debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem iii) ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem jew iv) marda permanenti tal-moħħ.

Illi fid-dawl tas-sentenza Il-Pulizija vs. Simon Azzopardi, l-appellant iktar minn  intenzjoni li jikkawża ferita ta’ natura gravi iktar kien qiegħed jaġixxi mingħajr ma jqis l-azzjonijiet tiegħu minħabba s-saħna tal-mument.

ii. Illi t-tieni aggravju jattakka s-sejbien ta’ ħtija għar-reati kkomtemplati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali. Sabiex reat taħt l-Artikolu 96 jirriżulta jrid jiġi ppruvat li l-appellant kellu l-intenzjoni speċifika li bl-azzjonijiet tiegħu huwa jiffrustra l-eżekuzzjoni tal-Liġi, ossia l-intenzjoni li tostakola l-Pulizija milli tagħmel ix-xogħol tagħha. Intenzjoni li effettivament ma nġabet ebda prova tagħha fil-mori ta’ dawn il-proċeduri. Kollox juri li l-azzjoni tal-appellant kienet diretta sabiex jipproteġi lil ħuh u aġixxa fuq dan l-istint fratern tiegħu

Illi sabiex jirriżulta r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni jeħtieġ li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni kemm l-element materjali tar-reat kif ukoll l-element formali konsistenti li l-allegat inġurji, theddid kienu ‘intenzjonati biex inaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-psersuna lejn min huma diretti’. A skans ta’ ripetizzjoni, jirriżulta li l-intenzjoni tal-appellant kienet biss dik li jipproteġi lil ħuh u xejn iktar. L-ebda mill-uffiċjali tal-Pulizija li xehedu fil-mori tal-proċeduri ma xehed li l-appellant offendihom jew inġurjahom.

iii. It-tielet aggravju jattakka x-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius u l-Ispettur Tony Cachia minħabba li din tammonta għal hearsay evidence.

iv. Fir-raba’ u l-aħħar aggravju tiegħu l-appellant jattakka l-piena u jsostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha timponi piena alternattiva għal dik ta’ priġunerija effettiva. L-appellant isemmi wkoll fatturi bħalma huma t-trapass taż-żmien u r-riforma tiegħu matul is-snin bħala fatturi li jimmiltaw favur il-mitigazzjoni tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar l-24 ta' Ġunju tas-sena 2011, għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, il-Pulizija rċevew telefonata li ġewwa l-Klabb tal-boċċi ta' Ħal Qormi kien hemm ġlieda għaddejja fejn ċertu Steve Farrugia li jgħidulu t-Topper kellu xi jgħid ma' persuna oħra u kien hemm kollutazzjoni fejn spiċċaw indarbu xi nies u inkiser anki apparat tad-diski Hi-Fi fuq il-post. Il-Pulizija rrikorriet fuq il-post iżda sabet li Steve Farrugia, ma kienx għadu hemm għaliex kien inħareġ mill-Klabb sabiex titwaqqaf il-ġlieda. Sadanittant il-Pulizija, irċevew telefonata oħra li fil-Każin tal-Banda ta' San Ġorg Ħal Qormi, magħruf bħala Tal-Werqa, kien hemm ġlieda għaddejja. Il-Pulizija - PS 539, PS 772, PC 1410, PS 1125 - irrikorrew fuq il-post fejn kienet ġiet irraportata din it-tieni ġlieda u reġgħu sabu lil Steve Farrugia hemmhekk imdawwar b'kotra kbira ta' nies fejn kien jidher aggressiv ħafna speċjalment kif ra lill-Pulizija.

5. Illi hekk kif PS 539 u PS 772 bdew jipprovaw jikkalmaw lil Steve Farrugia dan kien aggressiv magħhom tant li l-Pulizija kellha timmantejah u tuża anki l-pepper spray fuqu. Filwaqt li PS 539 u PS 772 bdew jipprovaw jikkalmaw lil Steve Farrugia, ċertu Nicholas FARRUGIA li jiġi hu Steve Farrugia, ta daqtejn ta' flixkun tal-ħġieġ l-ewwel fuq ras PS 772 u wara kompla jagħti daqqiet bl-istess flixkun fuq ras PC 1410 tant li l-flixkun inqasam fuq ras dan tal-aħħar. PS 1125, PC 1410 U PC 1532 bdew jipprovaw irażżnu lil Nicholas FARRUGIA u joħdulhu l-flixkun minn idejh fejn ukoll sabiex jirnexxihlom jikkontrollawh kellu jintuża' l-pepper spray. Sussegwentement l-aħwa Farrugia ttieħdu l-Għassa tal-Pulizija u Steve Farrugia saħansitra kisser ħġieġa b'idejh u kellu jittieħed għall-medikazzjoni. Il-Pulizija nvoluti li ġarrbu xi feriti wkoll marru sabiex jiġu eżaminati u immedikati minn tabib u lkoll ġew iċċertifikati li kienu qiegħdin ibgħatu minn ġrieħi ta' natura ħafifa b'PS 772 ikollu bżonn anki numru ta' suturi peress li bid-daqqa ta' flixkun li qala' mingħand Nicholas FARRUGIA, ġarrab qsim f'rasu li beda jnixxi ħafna demm.

6. Sussegwentement il-Pulizija mexxew dan il-każ kontra l-aħwa FARRUGIA u nhar l-24 ta' Ġunju 2011 ġew ippreżentati taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

**Analiżi tal-ewwel aggravju**

7. Illi f'dan l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta prinċipalment fuq in-nuqqas da parte tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-appellant kellu l-'animus nocendi' rikjest bil-Liġi sabiex tinstab ħtija għar-reat. L-appellant josserva li filwaqt li fl-Artikoli tal-Avukat Ġenerali, l-imputat appellant ġie mixli bil-ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 214 u 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-parti operativa tas-sentenza tagħha ċċitat l-Artikolu 216(1) tal-Kodiċi mingħajr ma għamlet indikazzjoni preċiża għal liema mis-subċiżi tas-subartikolu (1) kien japplika għal każ in diżamina.

8. Illi din il-Qorti tibda billi tindirizza din it-tieni lanjanza ta' indole legali mressqa mill-appellant. Għalkemm ma' saritx xi talba formali għal dikjarazzjoni ta' nullita tas-sentenza appellata mill-partijiet, f'każ fejn tali estremi jkunu jeżistu, din il-Qorti tista' tissolleva tali nullita *ex officio*.

9. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tistax issib ħtija lil hinn minn dawk l-artikoli tal-Liġi li jkun elenka l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tal-ġudizzju tiegħu magħmula ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Michael Carter** deċiż nhar is-7 ta' Diċembru 2001 intqal hekk:

> Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju **tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali**. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) **ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni**[1]; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti...

10. L-istess ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deċiża nhar id-9 ta' Ġunju 1998:

> Jiġi osservat f'dan ir-rigward li għalkemm l-imputazzjoni oriġinali miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kienet tipotizza r-reat ta' approprjazzjoni indebita fil-forma kontinwata (artikolu 18, Kap. 9) u bl-aggravanti li qligħ kien ta' aktar minn elf lira, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali (fol. 119) hemm ċitati biss, a rigward ta' din l-imputazzjoni, l-artikoli 293 u 294. L-Ewwel Qorti, għalhekk, ma setgħetx tmur oltre dawn l-artikoli u ssib ħtija fil-

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

forma kontinwata u bl-aggravanti kkontemplat fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9;

11. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kemm fl-eżerċizzju tagħha li tagħrbel u tevalwa l-provi, kif ukoll li tiddeċiedi dwar l-eventwali akkużi, trid iżżomm strettament ma' dak ordnat mill-Avukat Ġenerali fin-nota magħmula ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Bħala regola, ma tistax issib imputat ħati fuq imputazzjonijiet li ma jkunux inklużi f'dak l-att akkużatorju. Fl-appell kriminali superjuri deċiż fit-22 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Muscat et** intqal:

> In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kif appena tigi presentata quddiem ilQorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tiddefinixxi (u tista' wkoll tirridimensjona billi targina) l-parametri tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet kontra l-akkuzat li jkun.

12. Dan ġie wkoll segwit minn din il-Qorti fl-appell kriminali **The Police vs. Jeremiah Ani** deċiża nhar l-14 ta' Lulju 2020:

> As mentioned in Il-Pulizija vs. Omissis quoted by it, the Court of Magistrates was bound by the formal accusatory document as transmitted to it by the Attorney General, given that the Law itself entrusts that Office with the role of Public Prosecutor responsible for the issue of the formal accusations, in this case, in terms of article 370(3) of the Criminal Code – independently of the decisions made and discretion exercised originally by the Commissioner of Police as reflected in his charge sheet.

13. Verament li l-att akkużatorju tal-Avukat Ġenerali jkun irid jiġi eżaminat fl-isfond tal-imputazzjonijiet li jkunu qegħdin jiġu miġjuba kontra l-imputat. F'dan is-sens ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Francesco sive Godwin Scerri** deċiż nhar it-18 ta' April 2012:

> Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz.

14. Issa f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali kien speċifiku fl-akkuża li kien qiegħed jagħmel. Huwa xela' lill-appellant bit-tentattiv ta' offiża gravi fis-sensi tal-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali **<u>u mhux</u> <u>ukoll</u>** b'ipoteżi ta' tentattiv ta' offiża gravi fis-sensi tal-konsegwenzi msemmija fil-kumplament tal-artikolu 216(1), iġifieri dawk imsemmija fil-paragrafi (b)(c)(d) jew (e) tal-Kodiċi Kriminali.

15. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dehrilha li mill-provi prodotti setgħet issib ħtija fl-imputat appellant, hija kienet ċirkoskritta b'din l-akkuża li ddefiniet u arġinat il-parametri tal-imputazzjonijiet kontra l-imputat għar-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi kif imsemmi fl-artikolu 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u mhux b'ipoteżi ta' konsegwenzi oħra. L-Avukat Ġenerali xela lill-imputat appellant billi ittenta li jikkaġuna offiża fuq il-persuni tal-uffiċjali tal-Pulizija involuti li setgħet iġġib perikolu tal-ħajja, jew ta' debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew ta' xi difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem inkella ta' marda permanenti tal-moħħ.

16. Is-sejbien ta' ħtija li setgħet tasal għalih il-Qorti tal-Maġistrati kien għalhekk marbut speċifikament ma dawk il-konsegwenzi li l-Avukat Ġenerali xlieh bihom; iżda mhux ukoll mal-konsegwenzi msemmija fil-kumplament tal-paragrafi msemmija fl-artikolu 216(1)(b)(c)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-imputat appellant u kwotat biss l-artikolu 216(1) u ebda paragrafu tiegħu, dan allura ġab il-konsegwenza legali li s-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ kien wieħed ta' tentattiv ta' offiża gravi indiskriminata u mhux dik preċiżata u speċifikata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu.

17. Dan allura jġib miegħu il-konsegwenza li b'din il-formula ta' sejbien ta' ħtija bażata fuq l-artikolu 216(1) fl-astratt, il-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija ta' tentattiv ta' offiża gravi bażata fuq l-artikolu 216(1) **<u>mingħajr distinzjoni, kwalifika, preċisazzjoni jew speċifikazzjoni skont kif kienet delineata lilha mill-Avukat Ġenerali</u>**. Meta ċċitat l-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali b'mod ġenerali, dik il-Qorti kienet qed tiċċita mhux biss dak li l-Avukat Ġenerali kienet ordnat, iżda wkoll il-kumplament tal-ipoteżi ċirkostanzjali l-oħra li però l-Avukat Ġenerali ma kienetx xliet bihom. Meta Qorti tiċċita artikolu mingħajr speċifikazzjoni ta' xi subartikolu tiegħu, hija tkun qed tirreferi għal dak l-artikolu kollu kemm hu u mhux biċċa minnu. Jekk tkun trid tiċċita parti minn dak l-artikolu, dik il-Qorti tkun trid tispeċifika liema hija dik il-parti li tkun trid tirreferi għaliha billi ssemmi speċifikament dak is-sub-artikolu jew paragrafu partikolari. F'dan is-sens allura meta Qorti tagħmel riferenza għal sub-artikolu, mingħajr ma tagħmel ċenn partikolari għal xi paragrafu partikolari, dik il-Qorti titqies li tkun qed tirreferi lejn dak is-sub-artikolu b'mod sħiħ u mhux biss għal parti jew biċċa minnu. Meta l-Qorti ssemmi is-subartikolu waħduz, hija tiġi meqjusa li dik ir-referenza tagħha tkun qed tinkludi wkoll il-paragrafi li jagħmlu ma

dak is-subartikolu. Jekk il-Qorti tkun trid tirreferi għal xi paragrafu jew paragrafu partikolari, hija għandha tirreferi biss u speċifikament għal dak il-paragrafu jew dawk il-paragrafi speċifiċi. Iżda meta tiċċita sub-artikolu mingħajr distinzjoni jew speċifikazzjoni, hija titqies li tkun qed tirreferi għal dak is-sub-artikolu inkluż il-paragrafi kollha tiegħu mingħajr distinzjoni.

18. Dan allura jġib miegħu il-konsegwenza li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-imputat appellant u minflok iċċitat il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali kif ordna l-Avukat Ġenerali, hija ċċitat biss is-subartikolu (1) tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali (mingħajr ma kitbet ukoll il-paragrafu (a)) hija kienet qegħda allura tinkludi fis-sentenza kundannatorja tagħha l-ipoteżi leżivi konsegwenzjali naxxenti mill-paragrafi kollha li kien jinkludi dak is-subartikolu u mhux biss dak rikjest mill-Avukat Ġenerali.

19. Il-konsegwenza ta' dan tfisser li dik is-sejbien ta' ħtija kienet tmur lil hinn minn dik li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment tista' tasal għalih in kwantu ċ-ċitazzjoni tal-artikolu magħmul minnha kien imur oltre minn dak li l-Avukat Ġenerali kienet qegħda tipprospetta fl-att akkużatorju tagħha. B'dak il-mod, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) marret oltre s-setgħat tagħha.

20. Din mhix sempliċi kwistjoni ta' formalita' insinjifikanti li din il-Qorti tista' tagħlaq għajnejha għaliha, billi tikkunsidraha xi *lapsus calami vel computeri* jew inkella bħala kwistjoni ta' reat kompriża jew involut. Ir-raġuni hija li f'dan il-każ l-imputat appellant ġie mixli bit-tentattiv tal-offiża gravi fuq il-persuna, aktar milli bl-offiża gravi fuq il-persuna. Il-ġurisprudenza tagħmel distinzjoni rigwardanti l-element formali rikjest b'mod li allura din l-omissjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tinkludi l-paragrafu (a) mill-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali mill-parti dispożittiva tas-sentenza tagħmel id-differenza in kwantu ma tibqax kwistjoni ta' formalita, iżda ssir kwistjoni ta' sustanza. Dan ir-raġunament huwa msejjes fuq il-fattispecie ta' dan il-każ kif riflessi mar-raġunijiet li waslu lil dik il-Qorti biex issawwar is-sejbien ta' ħtija tagħha u l-bażi għad-deċiżjoni tagħha.

21. Minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li hija kienet qegħda temmen bis-sħiħ il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn PS772, PC1532 u PC1410 tant li tgħid li:

l-imputat Nicholas Farrugia ittenta jikkawża ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS772 Dennis Agius, PC1532 Mario Caruana u PC1410 Shaun Debono u dan billi xejrilhom daqqiet bi flixkun. In effetti kien PS772 li ġarrab l-aktar ferita' li spikkat peress li qala daqqa ta' flixkun fuq rasu, u hareg hafna demm. Kellhom ukoll isir xi punti biex il-ferita (ghalkemm ikklassifikata bhala hafifa) tinghalaq.

22. Għalhekk jekk wieħed jistrieħ fuq din il-loġika użata minn dik il-Qorti kif imsaħħa bil-provi, dik il-Qorti kellha allura tikkonkludi li dak li ttenta jagħmel l-appellant kien li jferrixxi l-pulizija bi flixkun tal-ħġieġ u li allura kienet azzjoni li tinkwadra ruħha fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 214 u 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-potenzjalita' tagħha li tikkawża xi waħda mill-istanzi leżivi konsegwenzjali hemm imsemmija fuq il-persuni tal-pulizija involuti. Dik il-Qorti, peress li kellha nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali li kienet speċifikament marbuta mal-Artikoli 214 u 216(1)**(a)** tal-Kodiċi Kriminali kellha tikkwota dawk l-artikoli flimkien ma' dak li jikkontempla t-tentattiv iġifieri l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. B'dawk l-artikoli preżentati lilha mill-Avukat Ġenerali, dik il-Qorti – f'każ li kienet temmen fil-ħtija tal-appellant in bażi għall-provi prodotti – ma setgħetx tħalli dak il-paragrafu (a) barra fis-sentenza tagħha u dan mhux biss għaliex dan kien ifisser li ma tkunx qed tirrifletti l-akkuża kif miġjuba mill-Avukat Ġenerali, iżda wkoll minħabba l-fatt li dan il-każ l-appellant kien qiegħed jiġi mixli bit-tentattiv tal-offiża gravi fuq il-persuna.

23. L-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali jaqra:

> Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

24. Illi imbagħad l-Artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali jikklassifika tali offiżi bejn offiża ta' natura gravi u offiża ta' natura ħafifa. Dawn l-offiżi jerġgħu jinqasmu fil-kategoriji oħra bażati fuq distinzjoni li l-Leġislatur ħoloq skont kif marbuta mal-konsegwenzi li ġġib ferita u mhux oħra. Il-Kodiċi Kriminali jiddistingwi bejn offiża gravi fis-sensi tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u l-offiża gravissima ai termini tal-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi. Imbagħad, l-offiża hija meqjusa wkoll gravi jekk tkun magħmula b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk iġġib il-mewt hekk kif indikat fl-Artikolu 220 tal-istess Kodiċi. In kwantu għal offiża ħafifa, din tista' tkun dik ikkontemplata fl-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali jew dik ta' importanza żgħira ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-istess.

25. B’riferenza għall-offiżi ta’ natura gravi, dawn allura jistgħu jkunu gravi jekk iġibu xi wieħed mill-konsengwenzi msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali; jew jistgħu ukoll jitqiesu iżjed serji, u allura klassifikabbli bħala gravissimi jekk iġibu xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi.

26. Għalhekk fil-gradwatorja tal-gravita, l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali jitqies li jwassal għal offiża gravi b’riferenza għas-serjeta tal-konsegwenzi li l-offiża tħalli fuq il-vitma, li però tali konsegwenzi għalkemm gravi, jridu jkunu ta’ anqas serjetà u gravita minn dawk imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa rifless ukoll f’differenza fil-pieni stabbiliti mill-Liġi għal min jikkommettihom, bl-offiża gravissima msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali tippreskrivi piena għola minn dik li tkun tista’ tingħata fil-każ ta’ kommissjoni ta’ offiża gravi skont l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

27. L-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa wkoll ċar in kwantu jikklassifika dik il-ferita bħala gravi u punibbli taħt l-ewwel subinċiż anki jekk il-persuna offiża tfiq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f’perikolu attwali ta’ ħajja jew tal-konsegwenzi msemmija fis-subinċiż numru wieħed tal-istess.

28. Allura b’riferenza għar-reat ta’ offiżi gravi fuq il-persuna fis-sensi tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, l-*actus reus* tar-reat ipotizzat fl-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, inkluż meta abbinat mal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, irid li jkun jikkonsisti f’dik l-offiża li ġġib <u>xi waħda jew iktar mill-konsegwenzi</u> indikati fl-Artikolu 216 tal-istess Kodiċi.

29. Kwantu għall-*mens rea* rikjest, fil-każ ta’ offiżi fuq il-persuna, trid tirriżulta l-*animus nocendi* u ċjoe’ **<u>l-intenzjoni ġenerika</u>** li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta’ ħaddieħor jew fis-saħħa ta’ dik il-persuna jew li jġib diżordni f’moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu.

30. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit** deċiż nhar it-30 ta’ Marzu 1998 fuq l-intenzjoni rikjesta għal fini tar-reat ta’ offiża volontarja fuq il-persuna intqal hekk:

> Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għal lkonsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-

konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fit-tessuti. L-artikolu 214 tal-Kap.9, meta jitkellem dwar "...ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna..jew diżordni f'moħħa..." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-artikolu 372 tal-Codice Zanardelli:

"Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito . . .

31. Huma wkoll diversi s-sentenzi tal-Qrati Maltin li jagħmlu referenza għall-insenjamenti tal-Professur Mamo, fosthom[2] l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Eric Sciberras Balbi** deċiż nhar it-28 ta' Marzu 2019 fejn dik il-Qorti ċċitat silta mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Degiorgio:**

'Fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jghid hekk: "To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."11 (sottolinear ta' din il-Qorti).'

32. Illi għalhekk sabiex jiġi integrat ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna huwa suffiċjenti li jiġi ppruvat - mingħajr dubju dettat mir-raġuni - li meta l-awtur tar-reat ikun aġixxa bl-azzjoni leżiva tiegħu, l-intenzjoni tiegħu f'dak il-mument kienet dik li jikkawża offiża - ħsara lil persuna oħra - **<u>mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppruvat li jkun ried il-grad ta' ħsara li effettivament jirriżulta</u>** u dan peress li l-awtur tar-reat ikun irid li jagħmel tajjeb għall-ħsara effettivament kaġunata u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-għemil illegali tiegħu.

33. Fil-kamp tal-leżjonijiet personali - kemm dawk li jeħtieġ intenzjoni ġenerika li ssir ħsara, kemm dawk li jirrikjedu intenzjoni speċifika - din l-intenzjoni tista' tiġi deżunta min-numru ta' fatturi, inkluż miċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-mument ta' qabel, waqt u wara t-twettiq tal-att leżiv, jekk tkunx intużat xi forma ta' mezz estraneju għall-ġisem tal-awtur tar-reat jew xi arma, u f'każ affermattiv, x'tip ta' arma intużat mill-awtur tar-reat biex jitwettaq l-att

---

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Shirley Calleja** deċiża nhar l-4 ta' Ottubru 2016, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **The Police vs. Chinonso Jude Okeakpu** deciża nhar it-2 ta' Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs. Sandro (Alexander) Chetcuti** deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

leżiv, f'liema parti tal-ġisem ikun immanifesta ruħu l-att leżiv, jekk ikunx intqal xi kliem mill-awtur tar-reat fil-waqt tal-kommissjoni tar-reat, eċċetra. Fil-fatt, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvu sive Salvatore Gauci** deċiż nhar it-8 ta' Lulju 2004 intqal is-segwenti:

> Issa, kif tajjeb gie osservat mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti – l-att materjali li sar – kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet.

34. Din l-interpretazzjoni mill-Qrati Maltija hija mera ta' dik il-posizzjoni adottata anke mill-Qrati fl-Italja fejn il-Cassazione rrikonoxxiet li għall-fini ta' leżjoni personali huwa meħtieġ li tiġi pruvata l-eżistenza tad-*dolo generico*, u dment li l-awtur tar-reat ikun ra bil-quddiem li l-azzjoni tiegħu kienet probabbilment tikkaġuna ħsara fil-ġisem tal-vitma tiegħu:

> Per la sussistenza del dolo nel delitto di lesioni personali, non e' necessario che la volonta' dell'agente sia diretta alla produzione di conseguenze lesive, essendo sufficiente l'intenzione di infliggere all'altrui persona una violenza fisica; basta quindi il dolo generico che deve reputarsi sussistente – sia pure nella forma eventuale - anche in ipotesi di azione commessa loci causa allorche' **l'agente abbia previsto come probabile[3]** (e quindi ne abbia accettata la verificazione concreta) l'evento lesivo.[4]

> In ordine al reato di lesioni volontarie il dolo consiste nella cosciente volonta' del fatto e, in oltre, nella volonta' dell'evento giuridico e cioe' dell'offesa dell'interesse tutelato dalla norma, e poiche' tale risultato si considera' voluto non solo quando si sia concretato nel punto di mira dell'attivita' del soggetto **ma anche quando e' stato previsto e nel tempo stesso accettato per la eventualita' del suo verificarsi,[5]** il dolo nel delitto in esame sussiste tutte le volte che l'agente ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un'offesa alla integrita' personale del soggetto passivo ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo.[6]

> Nel reato di lesioni personali volontarie la sussistenza del dolo non puo' essere negata quante volte l'autore del reato **abbia previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregiudizio[7]** all'integrita' personale del soggetto passivo ed abbia cio' nonostante agito anche a costo di cagionarlo.[8]

---

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.
[4] Cassazione Penale, Sez.I, sentenza n.6773 4 ta' Lulju 1996.
[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] Cassazione Penale, Sez. I, sentenza n.3329 14 ta' Marzu 1988.
[7] Enfasi ta' din il-Qorti.
[8] Cassazione Penale, Sez. I, sentenza n. 9448 11 ta' Novembru 1983.

35. Allura meta l-awtur tar-reat ikun ifforma intenzjoni ġenerika li jikkawża xi ħsara fuq il-persuna tal-vitma tiegħu, u effettivament iwettaq l-att u jikkawża ħsara fuq il-persuna tal-vitma tiegħu, mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-awtur tar-reat kellu wkoll l-intenzjoni li jikkaġuna **<u>dik il-ħsara partikolari fil-ġisem tal-vitma li tkun irriżultat b'konsegwenza tal-azzjoni tiegħu</u>** u dan peress li mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-intenzjoni tal-awtur tar-reat kienet preċiżament li jikkaġuna **<u>dik</u>** il-ħsara kollha li tkun tirriżulta sofferta mill-vitma. Ġaladarba jkun pruvat li l-awtur tar-reat kellu intenzjoni ġenerika li jikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-vitma, huwa jkun imbagħad irid iġorr il-konsegwenzi ta' għemilu skont kif jirriżultaw mill-ħsara fuq il-ġisem tal-vitma kaġunata minnu.

36. Iżda dan mill-banda l-oħra ma jeskludix li, f'ċirkostanzi speċifiċi, l-awtur tar-reat ma jkunx setgħa wkoll ifforma ħsieb ċar f'moħħu dwar xi ħsara partikolari li huwa jkun irid jikkaġuna lil vittma: bħal fejn l-awtur tar-reat jifforma intenzjoni speċifika li joqtol lil vittma tiegħu jew li jqegħdilha ħajjitha f'perikolu manifest. Fejn allura ċ-ċirkostanzi jwasslu għall-qtil tal-vitma, hemmhekk ikun meħtieġ analiżi dettaljata taċ-ċirkostanzi tal-każ biex jiġi vverifikat sew jekk l-awtur tar-reat ikunx fil-fatt ifforma dik l-intenzjoni speċifika fil-mument tal-kommissjoni tal-att leżiv tiegħu. Iżda dan l-istħarriġ dwar intenzjoni speċifika mhux meħtieġ meta trattasi ta' kommissjoni ta' atti li jikkawżaw leżjonijiet personali li jkunu ta' anqas gravita minn dawk tal-omiċidju volontarju.

37. Iżda l-kwistjoni ssir iżjed komplessa meta l-Prosekuzzjoni tipprospetta li fil-każ partikolari jkun jikkonfigura **<u>t-tentattiv</u>** tal-offiża personali. Sakemm l-awtur tar-reat ikun qiegħed jiġi mixli u proċessat għal reat ta' leżjoni personali li jkun wettaq konsegwenzi fuq il-persuna tal-vitma, l-prinċipji msemmija iżjed il-fuq ma jsibux wisq kontroversja. Jekk jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni kemm l-**actus reus** kif akkumpanjat bil-mens rea rifless fl-**animus nocendi**, l-awtur tar-reat ikun jista' jiġi misjub ħati tar-reat ta' offiża fuq il-persuna skont il-konsegwenza leżiva dependenti mil-gravita riżultanti.

38. Iżda malli titfaċċa l-figura tat-tentattiv tal-offiża personali, ix-xenarju legali jsir iżjed kumpless billi l-prinċipji legali li jirregolaw l-istitut tal-leżjonijiet personali jkunu jridu jiġu konċiljati ma dawk li jittrattaw it-tentattiv tar-reat. Dan wassal għal ċerti kontroversji fid-

dottrina u anke fil-ġurisprudenza in kwantu bl-ammissjoni tal-figura ġuridika tat-tentattiv ta' offiża personali fost l-ipoteżi ta' reat prosekwibbli, issa ġie meħtieġ li l-ġudikant jistħarreġ mhux biss l-eżistenza tal-**actus reus** u l-**mens rea** riflessa fl-**animus nocendi**, iżda sar meħtieġ li ssir analiżi iżjed fid-dettall dwar l-aspett psikiku ta' x'kienet il-finalita' li l-awtur tar-reat ried iwassal għaliha meta għażel li jwettaq l-att kriminuż. It-tentattiv fih innifsu jimplika li l-awtur tar-reat ried li jwettaq l-azzjoni kriminuża tiegħu biex jilħaq xi riżultat partikolari li huwa kien prefiġġa f'moħħu meta ġie biex iwettaq l-att leżiv kriminuż; u li huwa ma jkunx irnexxa jilħaq dan l-għan tiegħu minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu.

39. Minħabba din it-tensjoni bejn il-prinċipji legali bażiċi regolanti l-intenzjoni ġenerika rikjesta fil-kamp tal-offiżi personali u l-figura tat-tentattiv ta' offiżi fuq il-persuna, il-Professur Mamo l-ewwel jibda billi juri ċertu dubju legali dwar kemm persuna tista' tiġi akkużata bit-tentattiv tar-reat ta' offiża gravi. Dan peress li Mamo jabbraċċja l-linja tal-ħsieb li f'offiża ta' natura volontarja wieħed għandu jirrispondi għall-konsegwenzi li effettivament jirriżultaw mill-azzjoni volontarja tiegħu **indipendentement** minn dak li kellu f'moħħu li jikkawża meta wettaq l-azzjoni. Allura b'din il-loġika jsir superfluwu li jiġi analizzat x'kellu f'moħħu l-awtur tar-reat fil-mument li wettaq l-azzjoni tiegħu għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa dejjem irid jirrispondi għall-konsegwenzi ta' għemilu fuq il-vitma tiegħu. Dan irid jinqara wkoll fl-isfond ta' kif Mamo jqis il-kunċett tat-tentattiv tar-reat. Dwar l-ewwel element tat-tentattiv tar-reat, ossija l-att manifestanti l-intenzjoni li jitwettaq delitt, il-Mamo jgħid:

> So there must be some external or overt act but at the same time, such act must be done with intent to commit a crime.... And the act must manifest a clear, speċific intent, to commit a determinate crime...[9]

40. Pero l-Professur Mamo ma jieqafx hemm u jżid hekk:[10]

> The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible. As is well known, on a charge of an attempted offence an intention to commit that particular offence is requisite. Basing themselves mainly on

[9] **Lectures in Criminal Law**, Vol 1, 1965.
[10] **Notes on Criminal Law**, Revised Edition, 1954-1955 Volume 3, page 226 and 227. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs. Shirley Camilleri** deċiża nhar l-4 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fost oħrajn.

this, several Italian writers (be it noted that the definition of the offence of bodily harm in section 372 of the Italian Code of 1889 is, in substance, identical with that of section 228 of our Code) maintained that, in respect of bodily harm, a charge of an attempt is impossible: the responsibility of the agent may only be assessed by relation to the effect actually produced.

But this doctrine was not, generally speaking, accepted by Italian tribunals (v. Altavilla, op. Cit., p. 44) which admitted the possibility of a charge of an attempted bodily harm more serious than that in fact caused. The contrary opinion raises to the status of a general rule what is merely in particular cases (may be numerous) simply a difficulty in evidence. Looking at the classification of offences as made by the Law it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than another of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply "in dubio pro reo". Of course, if the result actually produced is punishable with a higher punishment than the attempt of the result intended, nothing will prevent the prosecution from preferring the charge liable to the higher punishment (v. Maino, art. 372, para 1633).

So far as is known, whenever the doubt was raised before Her Majesty's Criminal Court, the Court invariably adopted the latter doctrine in directing the jury.

41. Il-ġurisprudenza Maltija fil-fatt abbraċċat il-figura tat-tentattiv ta' offiża gravi bħala ipoteżi prosekutorja perkorribbli, legalment sostenibbli, u kriminalment punibbli. Iżda sabiex tali ipoteżi prosekutorja tirnexxi, huwa meħtieġ li f'dawn il-każijiet isir stħarriġ fid-dettall dwar x'kienet l-intenzjoni tal-awtur tar-reat – x'kien dak ir-reat li ried iwettaq u x'kien ir-riżultat li huwa kien qiegħed jintendi li jilħaq bit-twettieq tal-azzjoni kriminuża tiegħu li però ma jkunx laħaq il-milja tiegħu minħabba raġuni aċċidentali u indipendenti mir-rieda tal-istess awtur. Dan allura jkun jirrikjedi stħarriġ taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa,** deċiż fis-16 t'Ottubru 2003 intqal hekk:

Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla

nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."

.../....

Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li **jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz**.[11] Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tattentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."

42. Illi tali dottrina u ġurisprudenza teħtieġ lil Qrati ta' Ġustizzja Kriminali li fil-każ ta' prosekuzzjoni ta' tentattiv ta' offiża gravi, jagħmlu analiżi akkurata taċ-ċirkostanzi partikolari, immedjatament qabel, waqt u wara l-azzjoni leżiva magħmula mill-awtur tar-reat sabiex minn hemmhekk imbagħad il-Qrati jkunu jistgħu jaraw jekk u safejn ikun jista' jiġi deżunt liema minn dawk ix-xenarji li jikkontempla l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali l-istess awtur tar-reat **kellu f'moħħu li jikkawża**.

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

43. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. David Gauci** deċiż nhar it-30 ta' Novembru 2020, il-Qorti ddeżumiet x'kienet l-intenzjoni tal-akkużat fil-mument tal-aggressjoni fuq ħuh anki minħabba l-kliem li dan utilizza fil-waqt tat-twettiq tal-offiża:

> Mix-xhieda mressqa jirrizulta illi l-imputat waqaf mill-agir tieghu minhabba intervent tan-nies u ma hemm xejn li seta' induca lill-ewwel Qorti temmen illi dan ma kienx minnu. . L-offizi sofferti mill-parte civile ma jistghax jinghad li dawn kienu intizi biex ibezza' aktar u aktar meta akkumpanjat bil-kliem "noqtlok, noqtlok'. Indizji dawn li jippuntaw f'direzzjoni wahda u univoka li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jaghmel offizi gravi fuq il-persuna ta' huh.

44. Illi anki l-Corte di Cassazione esprimiet ruħha bl-istess mod fid-diversi sentenzi tagħha fir-rigward ta' kif fil-każ ta' tentattiv ta' *lesioni personali* jeħtieġ li l-analiżi probatorja tiffoka fuq iċ-ċirkostanzi li jakkumpanjaw l-azzjoni tal-awtur tar-reat sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għal dik l-intenzjoni speċifika li teħtieġ il-Liġi:

> Nei reati la cui procedibilita' a querela di parte dipende dal mancato raggiungimento di determinanti limiti nella progressione dell'evento e/o dell'assenza di particolari circostanze, il tentativo – in mancanza di specifica normativa – non puo' che' adeguarsi alle regole che disciplano la procedibilita' dell'omologo reato consumato e, quindi, a tal fine si deve tenere conto della eventuale gġa intervenuta realizzazione di quelle specifiche circostanze dell'evento che ci sarebbe prevedibilmente verificato ove fosser andata a termine l'azione dell'autore, con riferimento al caso concreto, cioe' **considerando non solo la condotta del medesimo autore ma anche i mezzi impiegati ed ogni altra circostanza di tempo, di luogo e di persona che avrebbero potuto concretamente, secondo il criterio dell' id quod plerunque accidit, avere una incidenza sulla misura o sulla specie dell'evento.**[12]

45. Għaldaqstant għal dak li jirrigwarda t-**tentattiv** tar-reat ippotizzat fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, ma jibqax biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova sempliċement intenzjoni ġenerika li l-aġent tar-reat ried jikkawża ħsara fil-persuna ta' ħaddieħor **iżda** jeħtieġ li jiġi ppruvat sal-grad rikjest mil-Liġi li l-aġent tar-reat kellu **intenzjoni speċifika fil-mument li wettaq l-offiża fuq il-persuna huwa ried li jġib waħda mill-konsegwenzi li tikkontempla l-Liġi.**

46. F'dan il-każ, b'deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu, kien jeħtieġ li jiġi ppruvat illi l-intenzjoni ta' FARRUGIA dakinhar tal-24 ta' Ġunju 2011 kienet dik li jikkawża offiża fuq il-persuna tal-pulizija li huwa aggredixxa b'xi waħda mill-konsegwenzi kkontemplati fis-subinċiż 216(1)**(a)** tal-Kodiċi Kriminali.

---

[12] Enfasi ta' din il-Qorti. Cassazione Penale, Sez. I, sentenza n. 10258 id-19 ta' Ottubru 1988

L-Avukat Ġenerali qies li f'dan il-każ kien hemm dawk il-provi li jwasslu għall-estremi fejn fil-mument tal-kommissjoni tal-atti illegali tiegħu meta l-imputat appellant qabad il-flixkun u beda jagħti bih lil Pulizija huwa ifforma dik l-intenzjoni speċifika li jikkommetti offiża ta' natura gravi skont kif imsemmi fis-sub-inċiż 216(1)**(a)** tal-Kodiċi Kriminali. Allura meta għamar dan, l-Avukat Ġenerali kienet qiegħed awtomatikament jeskludi l-ipoteżi li l-finalita' tal-awtur tad-delitt kienet li jikkawża xi konsegwenza msemmija fil-kumplament tal-artikolu 216(1) iġifieri dawk previsti fl-artikolu 216(1)(b)(c)(d) jew(e) tal-istess Kodiċi u dan peress li l-Avukat Ġenerali ma inkludiex ukoll dawk il-paragrafi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu. Allura f'dan il-każ l-akkuża kienet, grazzi għan-natura partikolari ta' din it-tipoloġija ta' reat, arġinata għal dik li l-Avukat Ġenerali esprima fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu.

47. Issa jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet taqbel mal-ġurisprudenza li tqis legalment sostenibbli l-figura tat-tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna (ħaġa li jidher li tagħmel in kwantu sabitu ħati u kkundannatu għal piena ta priġunerija), u jekk kienet waslet għall-konklużjoni li f'dan il-każ kien hemm il-provi li juru sal-grad taċ-ċertezza li l-imputat appellant fil-fatt kellu l-intenzjoni li jwettaq offiża ta' natura gravi fuq il-pulizija, hija setgħet issibu ħati biss b'riferenza għal dik l-ipoteżi ta' offiża gravi riflessa fil-konsegwenza leżiva li kienet imsemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu **u mhux ukoll kif riflessa f'xi parti oħra tal-istess artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali li iżda l-Avukat Ġenerali ma kienx addebitah bih f'dan il-każ.**

48. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha biss li kieku żammet mal-parametri tal-akkuża kif miktuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu in kwantu dik kienet l-ipoteżi akkużatorja li, skont l-Avukat Ġenerali kienet tirrifletti dik l-intenzjoni speċifika li l-appellant kellu f'moħħu li jitwettaq meta kkommetta l-att leżiv tiegħu u li allura kien jirravisa l-konsegwenza msemmija fl-artikolu 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

49. Il-mument li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li tiċċita l-artikoli 41(1)(a) flimkien mal-artikoli 214 u **216(1)** tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma speċifikat taħt liema konsegwenza speċifika skont kif riflessi fil-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 216(1) hija kienet qed issibu ħati taħtu, twassal għall-konklużjoni legali li s-sejbien ta' ħtija tiegħu għal tentattiv ta' offiża gravi kienet waħda indiskriminata, bażata fuq

dawk l-ipoteżi leżivi konsegwenzjali **kollha** li jipprovdi l-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali bil-konsegwenza li

(i) Bis-sejbien ta' ħtija tagħha, hija marret lil hinn mill-ipoteżi akkużatorja prevista fl-akkuża tal-Avukat Ġenerali – ħaġa li ma setgħetx tagħmel;

(ii) sabet ħtija indiskriminata billi l-Qorti semmiet biss l-artikolu 216(1) mingħajr ma semmiet il-paragrafu li taħtu l-Avukat Ġenerali għamar li setgħet tinstab ħtija. Meta għamlet hekk dik il-Qorti ġiet li awtomatikament kienet qegħda turi li s-sejbien ta' ħtija minnha ma kienetx bażata biss fuq l-ipoteżi kontestata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu, iżda li kienet qed issib ħtija fuq **l-ipoteżijiet kollha** li jaqgħu taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali indiskriminatament; u

(iii) ġaladarba t-tentattiv ta' offiża gravi jrid ikun marbut ma' intenzjoni speċifika li tiġi kawżata **<u>konsegwenza partikolari</u>** minn dawk imsemmija fil-Liġi, **<u>il-Qorti kienet obbligata li tispeċifika liema kienet</u>** dik il-konsegwenza partikolari li hija kienet qed tirritjeni integrata mill-provi prodotti;

(iv) imma indipendentement mill-konvinzjoni tagħha, dik il-Qorti ma setgħetx issib lill-imputat appellant ħati lil hinn minn dawk l-ipoteżi leżivi konsegwenzjali preżentati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu biex b'hekk anke jekk setgħa kellha konvinzjoni li mill-provi setgħu irriżultaw ipoteżi konsegwenzjali oħra apparti dik prospettata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, u li allura skontha kienu jirriflettu l-intenzjoni speċifika tal-imputat appellant fil-kommissjoni tar-reat, hija xorta waħda kienet prekluża milli ssib ħtija fuq xi ipoteżi leżiva konsegwenzjali oħra li ma kienetx kontestata mill-Avukat Ġenerali fl-imsemmija nota tar-rinviju għall-ġudizzju;

(v) Dan apparti l-fatt li huwa dubitat kemm huwa legalment possibbli li l-ipoteżijiet kollha msemmija fl-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jikkonkorru kollha flimkien simultanjament. Però din hija kwistjoni li din il-Qorti ma tarax li tista' jew għandha tinoltra fuqha f'dan il-każ, in kwantu huwa assolutament ċert li l-ipoteżi (e) tal-artikolu 216(1) tal-Kodiċi

Kriminali ma setgħet qatt tkun imputabbli f'dan il-każ - trattasi ta' meta l-offiża ssir guq mara tqila u ġġegħelha teħles qabel iż-żmien – fatt li indubitament ma kienx jikkonfigura f'dan il-każ.

50. F'dan is-sens allura minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma inkludietx il-paragrafu (a) fid-deċide tagħha – b'dak kollu li din l-omissjoni apparentement sempliċi u innoċenti timplika – is-sentenza tagħha ma tistax titqies li tissodisfa l-vot tal-Liġi.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti rat l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tħassar u tannulla s-sentenza appellata stante li bil-mod kif inkitbet marret lil hinn mill-parametri tal-akkuża, u sabiex ma ċċaħħadx lill-appellant mill-benefiċju tad-*doppio esame*, tibgħat lura l-atti ta' din il-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skont il-Liġi.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**